# EŻAMIJIET ANNWALI TA’ L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima ta’ l-Assessjar Edukattiv

**IT-TIENI KLASSI** | **MALTI** | **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem: ____________________________** **Klassi:___________________**

## ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

## GĦALL-UŻU TA’ L-GĦALLIEMA

## SKEMA TA’ MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F (i) | F (ii) | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 26 | 5 | 6 | 6 | 13 | 16 | 20 | 100 |
| Marki ta’ l-istudent/a | | | | | | | | | |

## KUMMENTI

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

### IL-BUFULA SEWDA

Il-bufula sewda għandek ċans sew li taraha! L-ewwelnett hija komuni u tbejjet fl-inħawi kollha tal-gżejjer Maltin, u t-tieni spiss insibuha tgħix viċin id-djar u t-toroq u ġieli anke tibni l-bejta f'xi ġnien. (*par. 1*)



Ir-raġel jolqot l-għajn mill-ewwel. Rasu hija sewda tuta kważi tleqq, dahru griż ċar u żaqqu bajda. Saqajh huma griżi fil-kannella. Il-mara inqas tispikka għax rasha hija griża u daharha kannella. Meta narawhom mill-viċin jew bit-tromba ninnutaw li t-tnejn għandhom għajnejn oranġjo skur imdawrin b'qisu nuċċali aħmar, li jagħtihom dehra tassew sabiħa. Peress li l-bufula sewda tħobb tistaħba, ħafna drabi nisimgħuha bla ma narawha. (*par. 2*)

Il-bufula sewda taddatta ruħha għal ambjenti differenti, basta jkun hemm ftit siġar folti u baxxi fejn tkun tista' tistaħba u tibni l-bejta. Ġieli nsibuha f'postijiet naqra strambi, bħal per eżempju f'xi *roundabout* f'nofs ta' triq. Imma l-aktar li tħobb huma l-widien u l-imsaġar żgħar. Jekk trid tara bufula sewda, mur sal-wied tal-Buskett, sal-ġnien ta' San Anton, jew sar-Riserva ta' l-Għadira. (*par. 3*)

Il-bufula sewda tbejjet bejn Marzu u Lulju. Tiekol l-insetti, u għalhekk tagħmel ħafna ġid lill-bdiewa. Jekk inħajruha tersaq lejn il-ġonna tagħna billi nħawlu pjanti folti bħal-liedna jew siġar baxxi, din mhux biss issebbaħ bil-kuluri u t-tisfir tagħha, imma tiffrankalna milli nużaw ħafna pestiċidi, li lkoll nafu kemm jagħmlu ħsara lil saħħitna. (*par. 4*)

(addattament minn kitba ta' Mark Anthony Falzon)

## A. FEHIM IT-TEST (8 marki)

1. Agħti żewġ raġunijiet li juru li hu faċli tara l-bufula sewda. (*par. 1*)

_______________________________________________

_______________________________________________(2)

2. X'għandha madwar għajnejha l-bufula sewda?

_______________________________________________(1)

3. Semmi żewġ postijiet fejn tħobb tistaħba l-bufula sewda.

a. ________________________________ b. _____________________________________ (2)

4. Meta tbejjet il-bufula sewda?

__________________________________________________________________________________ (1)

5. X'ġid tagħmel il-bufula sewda lill-bdiewa?

__________________________________________________________________________________ (1)

6. X'għandna nagħmlu biex inħajruha tersaq lejn il-ġonna tagħna?

__________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________ (1)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (26 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

1. spiss *insibu**ha*** tgħix viċin id-djar *(par. 1)*

   Għalxiex qiegħed jirreferi l-pronom ***ha*** fil-verb *insibu**ha?***______________________________ (1)

2. ninnutaw li t-***tnejn*** għandhom għajnejn oranġjo *(par. 2)*

   Għalxiex qiegħda tirreferi l-kelma ***tnejn***? ____________________________________________ (1)

3. basta ***jkun*** hemm ftit siġar folti (*par. 3*)

   ***jkun*** għandha sens ta':

   singular ☐ plural ☐ għadd imtenni ☐ (1)

### (ii) LESSIKU / VOKABULARJU

Agħti t-tifsira ta' dawn ta' hawn taħt skond kif użati fis-silta:

1. *viċin* (*par. 1*) ________________________________

2. *jolqot l-għajn* (*par. 2*) ____________________________

3. *sewda tuta* (*par. 2*) ________________________________

4. *ħsara* (*par. 4*) ________________________________ (4)

**(iii) SINTASSI / SENTENZI**

Ikteb is-sentenzi mod ieħor mingħajr ma tibdel it-tifsira.

1. *Peress li tħobb tistaħba, ħafna drabi nisimgħu l-bufula sewda mingħajr ma narawha.*

   Ħafna drabi ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________ (1)

2. *Imma l-aktar li tħobb huma l-widien u l-imsaġar żgħar.*

   Il-widien ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________ (1)

3. *Il-bufula sewda tiekol l-insetti u għalhekk tagħmel ħafna ġid lill-bdiewa.*

   Il-bufula sewda tagħmel ______________________________________________________

   ______________________________________________________________ (1)

## (iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

(i) Mill-ewwel paragrafu sib u ikteb:

a. pronom personali fis-singular ____________________ (1)

b. pronom mehmuż ma' verb ____________________ (1)

(ii) Mit-tieni paragrafu sib u ikteb:

a. verb trilitteru sħiħ ____________________ (1)

b. verb trux ____________________ (1)

ċ. verb li għandu l-għ bħala l-aħħar konsonanti ta' l-għerq ____________________ (1)

(iii) Mit-tielet paragrafu sib u ikteb:

a. partiċella waħedha ____________________ (1)

b. partiċella magħquda ma' l-artiklu ____________________ (1)

ċ. partiċella mqassra ____________________ (1)

(iv) a. Il-verbi użati fit-tieni paragrafu huma:

fil-perfett ☐ fl-imperfett ☐ fl-imperattiv ☐ (1)

b. Iz-zokk morfemiku tal-verb *tispikka* hu ______________________________ (1)

ċ. Mit-tielet paragrafu sib u ikteb verb fl-Imperattiv ____________________________ (1)

(v) Ikteb kliem flok in-numri.

**ROĦS KBIR FUQ ĦWEJJEĠ TA' L-AĦĦAR MODA**

**META?** Mis-(17) ________________ sad-(19) _______________ ta' Lulju.

**ROĦS BEJN** (30) _____________ u (75) ___________ u ___________ fil-mija.

**GĦAĠĠLU GĦAX DAN IR-ROĦS IDUM** (3) __________ **IJIEM BISS!**



(5)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (5 marki)

**QWIEL U IDJOMI**

a. Imla l-vojt biex tifforma qawl.

1. Tagħmilha tal-ħmar biex ______________________________________ . (1)

2. Meta tixtri, ixtri għalik u ________________________________________. (1)

b. Qabbel it-tifsira f'kolonna ***B*** ma' l-idjoma f'kolonna ***A***:

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | raġel fuq l-irġiel | a. | daħlet xi ħaġa li tellfet dak li kien qiegħed isir |
| 2. | mar-radda tas-salib | b. | kif wieħed jistenbaħ |
| 3. | ix-xitan deffes denbu | ċ. | raġel li tista' tafdah |

| 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|
| | | |

(3)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 marki)

Għadek kif attendejt għal kunċert tal-kantant/a favorit/a tiegħek. Fl-udjenza kien hemm persuna li laqtitek bid-dehra, bl-ilbies u bl-imġiba. F'madwar 50 kelma iddeskrivi din il-persuna. (Din tista' tkun raġel jew mara; xiħ/a; żagħżugħ/a.)

## E. TIFTIX/TRAWWIM KULTURALI - SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA (6 marki)

Ikteb madwar 50 kelma dwar wieħed mill-***persunaġġi u x-xogħlijiet tiegħu/tagħha*** li fittixt dwaru/dwarha fil-proġett ta’ din is-sena.

## F. LETTERATURA (29 marka)



(i) **POEŻIJA: NADRIET 2**

a. **ĠEJJA X-XITA** *ta’ Mary Meilak*

Il-ħuttaf ħafif daqs vleġġa,
Ħalla s-sema u ġie jbus l-art,
Ġewwa l-qliel in-naħal trekken,
Ħalla l-ġonna, reħa l-ward.

1. Minn din il-kwartina, sib u ikteb similitudni. ________________________________________ (1)

2. Sib u ikteb personifikazzjoni. ________________________________________ (1)

3. Ikteb żewġ kelmiet li jirrimaw. ________________________________________ (1)

4. F'din il-poeżija, Mary Meilak tuża l-vers ________________________________________. (1)

b. Immarka t-tajba:

| | | |
|---|---|---|
| 1. Il-ġrajja fil-poeżija ***Ballata*** seħħet fi żmien: | (il-Franċiżi; il-Kavallieri; l-Għarab). | (1) |
| 2. Fil-poeżija ***Il-Barri***, lill-barri rifsu: | (barri ieħor; biċċier xiħ; żiemel). | (1) |
| 3. ***Il-Paternoster*** ikeċċi: | (l-għasafar; id-dlam; l-għefiered). | (1) |
| 4. ***Wied Qirda*** titkellem dwar: | (persunaġġ; bini; ġrajja). | (1) |
| 5. ***Il-Ħajku*** hu poeżija: | (twila; b'erbatax-il vers; konċiża). | (1) |

ċ. **AKTAR NADRIET POETIĊI**

Agħżel poeżija minn t'hawn taħt u f'madwar 30 kelma ikteb dwar x'laqtek f'din il-poeżija.

***Fil-Menqa*** – Ġorġ Peresso; ***Il-Ħajt tas-Sejjieħ*** – Rena Balzan; ***Sjesta Maltija*** – Kilin; ***Univers Ieħor*** – Dun Karm; ***Settembru*** – Wallace Ph. Gulia

L-isem tal-poeżija: ________________________ ta' ________________________.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (4)

(ii) **PROŻA**

***a. Ħolm tal-Milied?*** – Trevor Żahra

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:

1. X'kien jisimhom omm u missier Leli? ________________________________________ (2)

2. Iddeskrivi l-wiċċ li Leli ra fil-mera tat-twaletta fil-kamra ta' fuq. ________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (2)

3. Xi skuża vvinta Leli biex ma jorqodx taħt it-taraġ? ________________________________________

________________________________________________________________________________ (2)

4. Semmi żewġ affarijiet milli kienu jbigħu z-zija Ċens u Betti biex jaqilgħu ftit flus. _____________

________________________________________________________________________________ (2)

5. X'ta Leli lil Betti meta rebħet it-tombla? ______________________________________________

________________________________________________________________________________ (2)

***b.*** ***Nies bla Sabar*** - Temi Zammit

Ikteb sentenza dwar dawn il-karattri:

a. Pina: ___________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________ (2)

b. Franswà: _______________________________________________________________________

________________________________________________________________________________ (2)

ċ. Pawlinu u Karmelina: ____________________________________________________________

________________________________________________________________________________ (2)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **WIEĦED** minn dawn u fuq karta separata ikteb madwar 200 kelma.

1. Li kieku kont għasfur.
2. Fuq il-monti.
3. Persuna li ħalliet influwenza kbira fuqi.
4. Laqgħa bejn għasfur u siġra fi ġnien.
5. Rajt inċident tat-traffiku. Irrakkonta sew x'rajt.